Illum l-Ewwel Ħadd tal-Avvent: iż-żmien ta’ preparazzjoni li jwassalna għall-Festa tal-Milied li fiha nfakkru u niċċelebraw il-misteru kbir ta’ kif l-Iben ta’ Alla sar bniedem u għammar fostna.

Dan iż-żmien hu mqassam fuq erba’ ġimgħat: kull nhar ta’ Ħadd nixegħlu **xemgħa** li tfakkarna biex nishru, nistennew u nlestu ruħna għall-miġja ta’ Ġesù, mhux biss biex niċċelebraw dik li seħħet 2000 sena ilu, u biex nintebħu b’dik li ssirilna kuljum fi ġrajjiet ħajjitna u fis-Sagramenti Mqaddsa, imma wkoll biex nkunu mħejjija għat-tieni miġja tiegħu li għandha sseħħ fl-aħħar taż-żmien.



Dan iż-żmien hu kkaratterizzat ukoll mill-**kulur vjola**, li bil-lewn tiegħu jgħinna nidħlu aktar fina nfusna biex nirriflettu u nimmeditaw fuq dan il-misteru aħna u nħejju qalbna biex tilqa’ lil Ġesù fiha llum.

Fil-15 ta’ Diċembru nibdew imbagħad in-**Novena** li ddaħħalna iktar fl-ispirtu tal-Milied u tgħinna nifhmu s-sens ta’ dawn il-festi. Għaliha nistiednu b’mod speċjali lit-tfal u l-familji tagħhom, imma s-sbuħija ta’ dawn il-jiem tan-Novena jiġbdu lil kull min iħobb il-Milied.

**It-Talb tas-Salmi** hu strument ieħor li ser jgħinna ngħixu sewwa dan iż-żmien tal-Avvent. Kuljum fost il-ġimgħa: fil-kappella tas-Sorijiet Franġiskani ser jingħad it-Tifħir ta’ Sbiħ il-Jum integrat fil-quddiesa tas-6.30am. U fil-knisja: ser jingħad ukoll it-Tifħir, kwarta qabel il-quddiesa tad-9.00am u l-Għasar, jingħad kwarta qabel il-quddiesa tas-6.30pm.

**Iċ-ċimiterji ta’ Kenuna u tal-Ħniena Divina** minn Diċembru ser jerġgħu jibdew ikunu miftuħin is-Sibt u l-Ħadd mis-7.00am sas-6.00pm. Nhar it-Tnejn 8 ta’ Diċembru, iċ-ċimiterji ser ikunu miftuħin bl-istess ħinijiet.

**Laqgħa tal-Grupp tal-Istilel tal-Qalb ta’ Ġesù** nhar it-Tnejn 1 ta’ Diċembru fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani tan-Nadur. Il-programm ikun hekk: Rużarju fl-4.00pm u wara Quddiesa. Ċelebrant Dun Salv Grima. Ejjew u ġibu oħrajn magħkom. Kulħadd hu mistieden.

**Is-siegħa tal-Ħniena Divina** nhar il-Ġimgħa 5 ta’ Diċembru, fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Tibda wara l-quddiesa tal-5.00pm. Kulħadd għandu bżonn tal-Ħniena t’Alla u għalhekk mistednin ningħaqdu flimkien għal dan il-ħin ta’ talb biex nitolbu ’l Alla għall-ħtiġijiet tagħna, tal-familji tagħna u tad-dinja kollha.

**Siegħa Adorazzjoni** nhar is-Sibt 6 ta’ Diċembru fit-8.15pm fil-knisja tal-Qalb ta’ Ġesù, b’riparazzjoni lill-Qalb ta’ Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin. Kulħadd huwa mistieden jingħaqad magħna.

**Attivitajiet mill-Għaqda Dun Franġisk Grima:**

Il-Ħamis 4 ta’ Diċembru ser inżuru l-knisja tal-Kunċizzjoni l-Qala u wara ninżlu Ħondoq ir-Rummien. Niltaqgħu fid-9.30am ħdejn iċ-Ċentru.

Il-Ħamis 18 ta’ Diċembru ser ikollna l-ikla tal-Milied fil-Boutique Hotel Santa Lucia, f’nofsinhar. Nitilqu fil-11.30am minn ħdejn iċ-Ċentru. Inċemplu lil Tonina fuq 2155304 / 79923153 jew lil Ġuża fuq 21552326 / 99238906.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA’ ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA’ KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am